



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, it-12 ta' Novembru 2021

Impriżi Konġunti: I-Awdituri jagħtu marki tajbin lis-sħubijiet pubbliċi-privati tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ċċertifikat il-kontijiet tal-2020 u t-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-Impriżi Konġunti kollha tal-UE – is-sħubijiet pubbliċi-privati tal-UE mal-industrija u l-gruppi ta riċerka. Fis-7 sena tat-tul ta' ħajja ta' 10 snin tagħhom, il-biċċa l-kbira mill-Impriżi Konġunti diġà implimentaw madwar 2/3 tal-attivitajiet tagħhom fi ħdan Orizzont 2020, il-programm qafas tal-UE għal finanzjament tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku. L-awdituri josservaw ukoll li l-Impriżi Konġunti sfruttaw is-sinerġiji biex iżommu l-kontinwità tal-operat matul il-pandemija tal-COVID-19 u biex jimmitigaw l-impatt possibbli tagħha fuq is-servizz ta' konsenja tagħhom.

Biex iwettqu attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni fl-oqsma speċifiċi tagħhom, it-8 Impriżi Konġunti tal-UE li joperaw taħt Orizzont 2020 jimmaniġġjaw total ta' EUR 19.7 biljun f'riżorsi finanzjarji. Dawn jiġu minn finanzjament fi flus kontanti pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-programmi għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tagħha, kif ukoll minn kontribuzzjonijiet *in natura* u kontribuzzjonijiet finanzjarji oħra minn sħab privati, stati parteċipanti u organizzazzjonijiet intergovernattivi. Dawn l-Impriżi Konġunti jużaw prinċipalment sejħiet għal proposti biex jagħżlu l-aħjar proġetti għall-finanzjament. Fusion for Energy, l-Impriża Konġunta taħt l-Euratom, għandha baġit stmat ta' madwar EUR 15-il biljun biex tiffinanzja l-parti Ewropea tal-implimentazzjoni tal-proġett ta' fużjoni nukleari ITER fi Franza. Dan il-baġit jinkludi l-ispiża tat-tmexxija tal-operazzjoni nukleari mill-2028 sa l-2035. Fi Frar 2021, il-Kunsill tal-UE approva madwar EUR 5.6 biljun bħala l-kontribuzzjoni tal-Euratom lill-Fusion for Energy għaċ-ċiklu baġitarju għall-perjodu 2021 sal-2027.

Bħal kull sena, l-awdituri eżaminaw is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Impriżi Konġunti kollha fl-2020. Huma sabu li l-kontijiet tagħhom kienu affidabbli skont ir-regoli internazzjonali tal-kontabbiltà, u li ma kien hemm l-ebda żbalji materjali fit-tranżazzjonijiet sottostanti relatati ma' pagamenti u dħul.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport annwali dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

“Għalkemm bosta aspetti jistgħu jitjiebu aktar, l-awditu li wettaqna għall-2020 jikkonferma li l-ġestjoni finanzjarja u tal-konformità tal-Impriżi Konġunti tinsab f’qagħda tajba”, qal Ildikó Gáll-Pelcz, il-membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu. “Aħna nosservaw b’mod pożittiv li, bis-saħħa tas-sinerġiji ta’ bejniethom, l-Impriżi Konġunti adattaw l-operat tagħhom għar-restrizzjonijiet imposti mill-pandemija mingħajr ebda impatt kbir fuq l-attivitajiet u r-risultati.”

Madankollu, l-awdituri osservaw diversi kwistjonijiet li jeħtieġu titjib: pereżempju, filwaqt li l-kontrolli interni kienu ġeneralment effettivi, huma sabu dgħufijiet fl-ippjanar annwali tal-pagamenti u fis-sistemi tal-IT lokali. Ir-risultati tal-awditjar għall-pagamenti ta’ għotja indikaw ukoll li l-ispejjeż għall-persunal huma s-sors prinċipali ta’ żball, u jissuġġerixxu li r-regoli u l-proċeduri korrispondenti għal dawn tal-aħħar għandhom jiġu ssimplifikati aktar bħala kundizzjoni għall-programmi qafas ta’ riċerka futuri. Barra minn hekk, f’xi każijiet, hemm riskju li l-insuffiċjenzi fir-riżorsi umani jistgħu jolqtu b’mod negattiv il-prestazzjoni kumplessiva tal-Impriżi Konġunti; u jikkawżaw, pereżempju, iż-żamma dgħajfa ta’ kompetenzi ewlenin, in-nuqqas ta’ ċarezza tal-kanali tal-obbligu ta’ rendikont, u l-effiċjenza aktar baxxa tal-persunal.

L-awdituri vverifikaw ir-rata ta’ implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Impriżi Konġunti u stmaw li, fi tmiem l-2020, kienu diġà ċċertifikaw 88 % tal-ftehimiet ta’ għotja ppjanati taħt Orizzont 2020 u implimentaw madwar 62 % tal-miri ta’ kontribuzzjoni tal-membri tagħhom għall-attivitajiet taħt H2020. Madankollu, hemm differenzi konsiderevoli fil-livelli miksuba mill-Impriżi Konġunti, li jiddependu skont in-natura tal-qasam tar-riċerka, id-durata diversa tal-proġetti u l-operabbiltà tagħhom. L-attivitajiet stabbiliti fil-QFP 2007-2013 u li jaqgħu fi ħdan is-Seba’ Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-programm tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport kienu ġew implimentati kważi bis-sħiħ.

Fl-aħħar nett, l-awdituri osservaw b’mod pożittiv li l-Impriżi Konġunti kollha kienu ħadu azzjonijiet korrettivi biex jindirizzaw l-osservazzjonijiet tal-awditjar tas-snin preċedenti. B’mod partikolari, huma osservaw li Fusion for Energy kienet tejbiet b’mod konsiderevoli l-kwalità tal-informazzjoni li tat fil-kontijiet annwali tal-2020, speċjalment billi pprovdiet l-istima tal-ispejjeż totali f’euro għall-ikkompletar tal-obbligi tat-twassil tagħha għall-proġett ta’ fużjoni nukleari ITER (EUR 18 biljun). Madankollu, huma ġibdu l-attenzjoni wkoll għall-fatt li kwalunkwe bidla fis-suppożizzjonijiet ewlenin rigward l-istima u l-esponiment għar-riskju għandha mnejn twassal għal żidiet sinifikanti fl-ispejjeż u/jew għal dewmien ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-proġett ITER.

Id-dokument sommarju *“Awditu fil-qosor dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għall-2020”* u d-dettalji kollha dwar kull Impriża Konġunta, huma disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#) bl-Ingliż; lingwi oħra se jkun disponibbli f’qasir żmien.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547

Vincent Bourgeais: vincent.bourgeais@eca.europa.eu - M: (+ 352) 691 551 502